MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2000

Mandat Numru. 3104/2000/1

**Salvu Mifsud, Francis Agius u Mario Mifsud bhala President, Segretarju u Kaxxier, rispettivament tas-Socjeta' Filarmonika *La Stella* tal-Gudja u l-Maestro Andrew Coleiro personalment.**

**vs**

**Anthony Mangion, Carmel Mangion, Dorian Desira bhala President, Segretarju u Kaxxier rispettivament tal-Ghaqda Musikali *Maria Assunta* tal-Gudja.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tat-30 t'Awissu, 2000, ghall-hrug fil-konfront tal-intimati *nomine* ta' Mandat ta' Inibizzjoni li jzommhom milli jdoqqu u/jew jqabbdu jew jingaggaw lil terzi li jdoqqu l-komposizzjoni musikali (marc) li jgib l-isem ta' *Agrigento/Gunner* li l-awtur taghha huwa r-rikorrenti Maestro Andrew Coleiro;

Rat id-digriet taghha tat-30 t'Awissu, 2000;

Rat it-twegiba tal-intimati *nomine* tal-31 t'Awissu, 2000;

Rat id-digriet taghha tal-31 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu appuntat ir-Rikors ghas-smigh u trattazzjoni u laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament;

Rat l-atti tar-Rikors, u senjatament iz-zewg dokumenti mehmuzin mieghu;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tar-rispettivi konsulenti legali taghhom;

***Ikkunsidrat:***

Mill-provi mressqa rrisultaw dawn il-fatti saljenti: li l-marc mertu tar-Rikors inkiteb mir-rikorrent Maestro Andrew Coleiro ghall-habta tal-1978 u kien

jifforma parti mir-repertorju tas-Socjeta’ Filarmonika *San Guzepp* tal-Hamrun; li xi hames snin wara, l-awtur rikorrent wasal fi ftehim mal-Ghaqda Musikali rikorrenti fis-sens li dment li jindaqq regolarment minnhom, jibqa’ proprjeta’ esklussiva taghhom; li l-Ghaqda intimata adattat, minn kopja maghmula minn kopjist fiz-zmien li l-marc kien ghadu jindaqq mill-banda Hamruniza, il-komposizzjoni tar-rikorrent Coleiro; li, f’wahda mill-festi ta’ din is-sena fil-Gudja, l-Ghaqda Musikali intimata daqqet il-marc waqt il-programmi taghha u, minbarra dan, inghatalu isem iehor; illi fil-jiem ta’ festa li kellha tigi ftit jiem wara li gie mressaq ir-Rikors, l-istess Ghaqda Musikali intimata kienet iddikjarat li kien fi hsiebha terga’ tinkludi l-marc bhala parti mill-programm taghha f’dik il-festa; l-Ghaqda Musikali intimata taghraf lir-rikorrent Coleiro bhala l-awtur tal-marc u ilha zmien twil tipprova tasal f’arrangament mieghu biex jaghtiha d-dritt li ddoqqu hi; illi r-rikorrent Coleiro sahaq li ma tax lill-Ghaqda Musikali intimata l-ebda permess biex iddoqq jew tadatta l-marc li kiteb hu;

Illi, kif tipprovdi l-ligi nnifisha, f’talba ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, dak li jinteressa lill-Qorti huwa biss li l-hrug tal-Mandat jitqies mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li, *prima facie* r-rikorrent jidher li ghandu tali jeddijiet;

Illi, f’dan il-kaz u fil-limiti hawn imsemmija, jidher car li r-rikorrent Maestro Coleiro, bhala awtur tal-marc in kwestjoni, jhaddan certi jeddijiet fil-ligi. L-intimati nomine, fit-twegiba taghhom, jitolbu lir-rikorrenti jindikaw fuq liema disposizzjoni tal-ligi qeghdin isejsu t-talba taghhom ghall-hrug tal-Mandat;

Illi, din il-Qorti tifhem li ghalkemm it-tismija ta’ disposizzjoni specifika tal-ligi mhix rekwisit mitlub mil-ligi biex tigi trattata u eventwalment tintlaqa’ talba ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, huwa dejjem mehtieg li jedd tar-rikorrent ikun imhares minn ligi. F’dan ir-rigward, kemm fil-waqt li nkiteb il-marc u kemm fil-present, il-jeddijiet tal-awtur rikorrent Coleiro kienu u ghadhom tutelati bi provvedimenti ta’ ligi espressa, u jigifieri l-Kapitolu 196 u, issa, l-Att XIII tal-2000 li ssostitwixxa l-Att tal-1970 dwar id-Drittijiet tal-Awtur;

Illi, minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tal-kwestjoni, jirrisulta wkoll li l-marc kien hlejqa originali tar-rikorrent [art 3(2) tal-Att], li l-komposizzjoni nnifisha hija mharsa mil-ligi u taghti dritt ta' awtur lilu [art 3(1) (e)], li tali jeddijiet huma mharsin zgur tul hajjet l-awtur u ghal zmien wara mewtu [art. 4 (2)], u li, fost il-jeddijiet tal-awtur rikorrent hemm dawk imsemmijin fil-paragrafi (a) (e) u (g) tal-artikolu 7;

Illi, minbarra dan, jekk kemm-il darba wiehed ihares ukoll imqar bid-daqqa t'ghajn lejn ir-ragunijiet li ghalihom qieghed jintalab il-hrug tal-Mandat, wiehed isib li l-bdil, denigrazzjoni jew xorta ohra ta' tmaqdir ta' xoghol imhares bid-dritt tal-awtur minghajr il-kunsens tieghu (sahansitra minn cessjonarju tal-istess awtur) ukoll jaghtu lok ghal rimedju fil-ligi [art. 12];

Illi, waqt it-trattazzjoni, l-Ghaqda intimata issottomettiet illi l-marc mertu tar-Rikors m'huwiex imhares mil-ligi, anzi huwa eskluz. Il-Qorti tifhem li din is-sottomissjoni tirreferi ghall-paragrafu (n) tal-artikolu 9 tal-Att XIII tal-2000. Il-Qorti, madankollu, ma taqbilx li dik id-disposizzjoni xxejjen il-jeddijiet tar-rikorrent Coleiro f'dan il-kaz. Dan jinghad ghaliex, fit-tifsira ta' **"komunikazzjoni lill-pubbliku"** fl-artikolu 2 tal-Att, din il-frazi hija mfissra fit-termini ta' trasmissjoni bil-fili u minghajr fili u, ghall-finijiet tal-artikolu 7 (il-qofol tal-jeddijiet talvolta spettanti f'awtur ta' xoghol muzikali), tinkludi d-disponibbilita' lill-pubbliku ta' xoghol ta' awtur f'lok u hin maghzul individwalment mill-istess pubbliku. Il-Qorti thoss, li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, ma jista' jinghad li l-esekuzzjoni ta' marc partikolari minn banda waqt programm ta' festa ma jsir f'hin u lok maghzul mill-pubbliku li jkun presenti mal-istess banda;

Illi, huwa minnu ukoll li l-ligi thares lic-cessjonarji ta' awtur [art. 24] bl-istess jeddijiet tal-awtur innifsu, izda taghmel kondizzjonijiet specifici ghall-moghdija fihom ta' dawk il-jeddijiet. Wahda minn dawn hija li c-cessjoni matul hajjet l-awtur lil persuni li m'humiex *collecting society*, ikollhom validita' biss jekk issir bil-miktub. Il-Qorti, mix-xhieda li semghet, specjalment dik tar-rikorrent Salvu Mifsud (li qal li l-ftehim mal-awtur huwa bil-fomm), u fin-nuqqas ta' produzzjoni ta' tali ftehim bil-miktub kieku sar, issib, ghall-inqas *prima facie,* li

l-Ghaqda rikorrenti m'hijiex cessjonarja tal-awtur fil-jeddijiet tieghu fis-sens imfisser mil-ligi. Dan jinghad apparti l-fatt li l-intimati xehdu, bla ma gew kontradetti, li baned ohrajn f'Malta u li wkoll ingiebu jdoqqu fil-Gudja, esegwew il-marc imsemmi fuq partituri u muzika mhux provduti mill-Ghaqda intimata. Min-naha taghha, l-Ghaqda rikorrenti ssottomettiet li l-interess legali taghha fit-talba ghall-hrug tal-Mandat hija mibnija fuq obbligazzjoni li hija ghandha mal-awtur li ma thalli 'l hadd iehor juza l-marc minghajr il-kunsens tieghu;

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-possibilita' li jinqala' inkwiet jew jitnisslu incidenti bejn il-partitarji taz-zewg Ghaqdiet jekk kemm-il darba l-Ghaqda intimata tithalla ddoqq il-marc in kwestjoni m'huwiex fih innifsu element li jirradika interess guridiku sufficjenti fl-Ghaqda rikorrenti biex tikseb il-hrug tal-Mandat minnha mitlub. Kif tajjeb issottometta l-konsulent legali tal-Ghaqda intimata, il-kwestjoni ta' piki u bdil ta' ingurji bejn elementi taz-zewg socjetajiet m'ghandhiex isservi biex jitqies jekk it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ghandhiex tintlaqa' jew le. Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tosservax li min hassu "imnebbah" minn programm televisiv komiku li jikkopja xoghol artistiku ta' haddiehor u, b'"cajta", "jzejnu" b'isem daqstant raffinat, u jesegwixxi dak ix-xoghol minkejja l-opposizzjoni tal-awtur, zgur li mhux qieghed jaghmel gieh lill-isem u l-ghanijiet li ghaqdiet filarmonici ghandhom jimmiraw li jharsu f'pajjizna;

Illi, f'dan l-istadju, ftit ghandha siwi l-assikurazzjoni moghtija mill-Assocjazzjoni tal-Kazini tal-Baned lill-Ghaqda intimata li l-marc mertu tal-kaz m'hux imhares minn jeddijiet tal-awtur. Tali assikurazzjoni, jekk inghatat, ma kenitx imwiezna la mil-ligi u lanqas mill-fatti;

Illi, ghalhekk jista' jinghad li l-verbal maghmul f'isem l-Ghaqda intimata, waqt is-smigh tar-Rikors, jigbor fil-qofol dak li messu sar mill-ewwel, jigifieri li l-marc jindaqq bi ftehim ma' u bil-kunsens ta' l-awtur bl-isem li l-awtur jaghzel: bil-

konsegwenza li kulma sar, jew ghad jista’ jsir, mhux konformement ma’ dan jaghti lok li jigi mwaqqaf;

Ghalhekk, il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tipprovdi dwar ir-Rikors billi **tichdu kwantu mressaq mis-Socjeta’ Filarmonika “La Stella”, imma tilqghu kwantu mressaq mir-rikorrent Andrew Coleiro personalment**, u ghalhekk tibdel id-Digriet taghha tal-31 t’Awissu, 2000, billi tirrevokah kwantu laqghet it-talba provvizorjament f’isem l-Ghaqda rikorrenti u billi **tikkonfermah kwantu jaffettwa l-interessi tar-rikorrent Maestro Coleiro.**

L-ispejjez, ghajr ghal dawk tal-Ghaqda rikorrenti, jithallsu mill-Ghaqda intrimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------